# Ċelebrazzjoni fil-Familja tal-Mixgħela tax-Xemgħa tal-Avvent

Fid-dar, f'post xieraq, titħejja l-kuruna tal-Avvent: erba' xemgħat f'forma ta' ċirku, imżejnin b'xi weraq aħdar. Għalkemm mhux bilfors, tajjeb li dawn ix-xemgħat ikunu tlieta ta' kulur vjola, u waħda ta' kulur roża.

Kull nhar ta' Sibt filgħaxija jew matul il-jum tal-Ħadd, meta l-familja tkun miġbura kollha d-dar, isir dan ir-rit li fih, kull darba tinxtgħel xemgħa, hekk li minn darba għal oħra, id-dawl jiżdied: dan ifisser li Ġesù, li hu d-Dawl, qiegħed dejjem joqrob. Il-ġenituri jistgħu jagħtu din it-tifsira sempliċi lil uliedhom, biex ikunu jistgħu jgħixu aħjar dan il-mument ta' talb.

Matul ir-rit, wieħed mill-ġenituri jmexxi t-talb. Ġenitur ieħor, jew wieħed mill-ulied, jaqraw is-silta mill-Bibbja.

Tajjeb li kull membru tal-familja jkollu l-fuljett tat-talb.

**Fl-ewwel Ħadd tal-Avvent**
**Ix-Xemgħa tal-Profeta**

**Bidu**

*Meta tinġabar il-familja, ilkoll jagħmlu s-sinjal tas-salib:*

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. R/. Ammen.

*Imbagħad wieħed mill-ġenituri jgħid:*

Infaħħru lil Alla li ħafna drabi ried jagħti l-ħbiberija tiegħu lill-bnedmin
u permezz tal-profeti għallimhom jistennew u jittamaw fis-salvazzjoni.
R/. Imbierek Alla għal dejjem.

*Il-ġenitur jintroduċi ċ-ċelebrazzjoni billi jgħid:*

Se nibdew iż-żmien tal-Avvent, anke fil-familja tagħna.
Matul dan iż-żmien il-Mulej jistedinna nħejju t-triq għal Ġesù li ġej biex jifdina.
Nixgħelu l-ewwel xemgħa li se ddawwal din il-mixja.
Din ix-xemgħa trid tfakkarna fix-xandir tal-profeti
li ħabbru bil-ferħ il-miġja ta' Ġesù s-Salvatur,
l-Għimmanu-El, Alla magħna.

**Qari mill-Bibbja**

Qari mill-Ktieb tal-profeta Isaija (7,13-14)

Isimgħu, mela, dar David:
mhux biżżejjed għalikom li tkiddu lill-bnedmin, biex issa se tkiddu lil Alla tiegħi?
Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess:
Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el.

Il-Kelma tal-Mulej. R/. Irroddu ħajr lil Alla.

**Responsorju**

Il-profeti kienu ħabbruh.
R/. Is-Salvatur se jitwieled mill-Verġni Marija.

**Mixgħela tal-ewwel xemgħa**

*Xi ħadd mit-tfal jixgħel l-ewwel xemgħa,*
*waqt li l-membri l-oħra tal-familja jgħidu flimkien:*
Din ix-xemgħa se tixgħel fid-dar,
għax Ġesù ġej dalwaqt fuq din l-art!
Il-profeti ħabbruh ilu żmien,
huwa ġej biex jagħtina l-ħelsien!

**Talba**

*Il-ġenitur, wara li tinxtgħel ix-xemgħa, jgħid:*
Nitolbu.
O Mulej, li bgħatt lill-profeti
biex iħabbru l-miġja ta' Kristu Ibnek,
dawwal fuqna d-dija tiegħek,
sabiex, imdawlin mill-Kelma tiegħek,
nimxu lejk b'qalb ġeneruża u fidila.
Bi Kristu Sidna.
R/. Ammen.

**Għeluq**

*Il-ġenitur jagħlaq ir-rit billi jgħid:*
Il-Mulej Alla jberikna u jħarisna fl-imħabba tiegħu.
R/. Ammen.

**Fil-festa tat-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija**
**8 ta' Diċembru**

*Jixraq li din it-talba ssir madwar xbieha ta' Marija, li quddiemha jkollha xemgħa mixgħula u xi fjuri.*

**Bidu**

*Meta tinġabar il-familja, ilkoll jagħmlu s-sinjal tas-salib:*
Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. R/. Ammen.

*Imbagħad wieħed mill-ġenituri jgħid:*
Infaħħru lil Alla li sa minn dejjem ħares minn kull tebgħa lill-Verġni Marija
biex hekk tkun l-omm ta' Ġesù.
R/. Imbierek Alla għal dejjem.

*Il-ġenitur jintroduċi ċ-ċelebrazzjoni billi jgħid:*

Illum qed nagħmlu l-festa tat-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija.
Inżommu quddiem għajnejna lil Marija,
omm ta' Ġesù u omm tagħna,
għaliex hija tista' turina kif, matul dan l-Avvent,
nistgħu nitħejjew biex nilqgħu lil Ġesù.

**Qari mill-Bibbja**
Qari mill-Vanġelu skont San Luqa (1,26-37)

Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek."
Hi tħawwdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù..."
Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?" Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla... għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."
Mbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!"

Il-Kelma tal-Mulej. R/. Tifħir lilek, Kristu.

**Responsorju**
Sliem għalik, Marija... *(għal tliet darbiet)*
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Talba**
*Il-ġenitur jgħid:*
Nitolbu.
Missier qaddis,
int ridt li, għat-tħabbira tal-Anġlu,
il-Verġni Marija ssir omm ta' Ibnek Ġesù:
agħmel li, fuq l-eżempju tagħha,
aħna wkoll nisimgħu u nwettqu l-Kelma tiegħek,
biex bħalha nkunu tassew hienja.
Bi Kristu Sidna.
R/. Ammen.

**Għeluq**
*Il-ġenitur jagħlaq ir-rit billi jgħid:*
Il-Mulej Alla jberikna u jħarisna fl-imħabba tiegħu.
R/. Ammen.

**Fit-tieni Ħadd tal-Avvent**
**Ix-Xemgħa ta' Betlehem**

**Bidu**
*Meta tinġabar il-familja, ilkoll jagħmlu s-sinjal tas-salib:*
Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. R/. Ammen.

*Imbagħad wieħed mill-ġenituri jgħid:*
Infaħħru lil Alla li għażel dak li fid-dinja hu dgħajjef
u lill-belt ċkejkna ta' Betlehem għamilha l-benniena tal-Messija.
R/. Imbierek Alla għal dejjem.

*Il-ġenitur jintroduċi ċ-ċelebrazzjoni billi jgħid:*
Inkomplu l-mixja tal-Avvent fil-familja tagħna.
Illum se nixgħelu t-tieni xemgħa
li se tfakkarna fil-belt ċkejkna fejn twieled is-Salvatur tagħna,
u se tgħinna naraw kif il-ħelsien li ġab Ġesù huwa għad-dinja kollha.

**Qari mill-Bibbja**
Qari mill-Ktieb tal-profeta Mikea (5,1)

U int, Betlehem ta' Efrata,
ċkejkna fost il-familji ta' Ġuda,
minnek għad joħroġli
dak li jkun prinċep f'Iżrael;
hu għandu l-bidu tiegħu mill-qedem,
sa minn dejjem ta' dejjem.

Il-Kelma tal-Mulej. R/. Irroddu ħajr lil Alla.

**Responsorju**
Minn Betlehem għad joħroġ ir-ragħaj ta' Iżrael.
R/. Hu jħabbar is-sliem lill-ġnus kollha.

**Mixgħela tat-tieni xemgħa**
*Xi ħadd mit-tfal jixgħel it-tieni xemgħa, waqt li l-membri l-oħra tal-familja jgħidu flimkien:*
Din ix-xemgħa se tixgħel fid-dar,
għax Ġesù ġej dalwaqt fuq din l-art!
Fil-grotta ta' Betlem, fis-skiet,
se jimla 'l kulħadd bil-barkiet.

**Talba**
*Il-ġenitur, wara li tinxtgħel ix-xemgħa, jgħid:*
Nitolbu.

Missier ħanin,
it-triqat tiegħek mhumiex it-triqat tagħna,
għinna nimxu warajk,
biex nilqgħu kuljum lil Ġesù,
u agħmel li kull bniedem
jirċievi s-salvazzjoni tiegħek.
Bi Kristu Sidna.
R/. Ammen.

**Għeluq**
*Il-ġenitur jagħlaq ir-rit billi jgħid:*
Il-Mulej Alla jberikna u jħarisna fl-imħabba tiegħu.
R/. Ammen.

## Fit-Tielet Ħadd tal-Avvent
## Ix-Xemgħa tar-Rgħajja

**Bidu**
*Meta tinġabar il-familja, ilkoll jagħmlu s-sinjal tas-salib:*
Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. R/. Ammen.

*Imbagħad wieħed mill-ġenituri jgħid:*
Infaħħru lil Alla li ġej biex isalva lill-ġnus kollha
u biex jagħti lid-dinja kollha l-ferħ tassew.
R/. Imbierek Alla għal dejjem.

*Il-ġenitur jintroduċi ċ-ċelebrazzjoni billi jgħid:*
Inkomplu l-mixja tal-Avvent fil-familja tagħna.
Imiss nixgħelu t-tielet xemgħa: ix-xemgħa tar-rgħajja u tal-ferħ.
Waqt li nħarsu lejn ir-rgħajja,
nitħejjew biex nirċievu l-aħbar ta' ferħ kbir,
l-aħbar tat-twelid tas-Salvatur tagħna.

**Qari mill-Bibbja**
Qari mill-ittra ta' San Pawl lir-Rumani (13,11-12)

Waslet is-siegħa li intom tqumu min-ngħas,
għax is-salvazzjoni tagħna hi eqreb minn meta bdejna nemmnu.
Il-lejl għoddu għadda, u qorob il-jum.
Inwarrbu mela l-għemil tad-dlam
u nilbsu l-armi tad-dawl.

Il-Kelma tal-Mulej. R/. Irroddu ħajr lil Alla.

**Responsorju**
Il-Mulej hu fil-qrib: ma jiddawwarx.
R/. Hu se jidher lil kull min qed jistennieh.

**Mixgħela tat-tielet xemgħa**
*Xi ħadd mit-tfal jixgħel it-tielet xemgħa, waqt li l-membri l-oħra tal-familja jgħidu flimkien:*
Din ix-xemgħa se tixgħel fid-dar,
għax Ġesù ġej dalwaqt fuq din l-art!
Se nisimgħu bħar-rgħajja l-aħbar,
li Ġesù jinsab fqajjar fil-għar.

**Talba**
*Il-ġenitur, wara li tinxtgħel ix-xemgħa, jgħid:*
Nitolbu.
Alla, Missier tagħna,
qajjimna min-ngħas u għenna nkunu lesti,
biex nilqgħu l-aħbar ta' ferħ
tat-twelid tas-Salvatur,
u ngħixu fil-hena tiegħek.
Bi Kristu Sidna.
R/. Ammen.

**Għeluq**
*Il-ġenitur jagħlaq ir-rit billi jgħid:*
Il-Mulej Alla jberikna u jħarisna fl-imħabba tiegħu.
R/. Ammen.

**Fir-raba' Ħadd tal-Avvent**
**Ix-Xemgħa tal-Anġli**

**Bidu**
*Meta tinġabar il-familja, ilkoll jagħmlu s-sinjal tas-salib:*
Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. R/. Ammen.

*Imbagħad wieħed mill-ġenituri jgħid:*
Infaħħru lil Alla li jibgħat lill-anġli jagħtu aħbarijiet tajba,
hekk li permezz tagħhom sirna nafu bit-twelid tal-Messija.
R/. Imbierek Alla għal dejjem.

*Il-ġenitur jintroduċi ċ-ċelebrazzjoni billi jgħid:*
Inkomplu l-mixja tal-Avvent fil-familja tagħna.
Dalwaqt jasal il-Milied, u llum nixgħelu r-raba' xemgħa.
Ejjew niftħu widnejna biex nisimgħu l-kant tal-anġli
li qed iħabbru l-miġja ta' Ġesù.

**Qari mill-Bibbja**
Qari mill-Ktieb tal-profeta Isaija (52,8-9)

Ismagħha l-għajta!
L-għassiesa tiegħek għollew leħenhom,
lkoll flimkien jgħajtu bil-ferħ,
għax raw b'għajnejhom lill-Mulej rieġa' lura f'Sijon.
Intom, ħerbiet ta' Ġerusalemm, għajtu lkoll bil-ferħ,
għax farraġ il-Mulej il-poplu tiegħu, feda lil Ġerusalemm.

Il-Kelma tal-Mulej. R/. Irroddu ħajr lil Alla.

**Responsorju**
Glorja 'l Alla fil-għoli tas-sema.
R/. U paċi fl-art lill-bnedmin li hu jħobb.

**Mixgħela tar-raba' xemgħa**
*Xi ħadd mit-tfal jixgħel ir-raba' xemgħa,waqt li l-membri l-oħra tal-familja jgħidu flimkien:*
Din ix-xemgħa se tixgħel fid-dar,
għax Ġesù ġej dalwaqt fuq din l-art!
Żdied id-dawl, żdied il-ferħ u s-sliem,
għax Ġesù ġej biex jagħti l-ħelsien.

**Talba**
*Il-ġenitur, wara li tinxtgħel ix-xemgħa, jgħid:*
Nitolbu.
O Alla li tista' kollox,
agħmel li l-Iben tiegħek li sar bniedem
idawwal lill-qalb tagħna, idawwal lill-familja tagħna,
biex isaltnu fostna l-ferħ u l-paċi.
Bi Kristu Sidna.
R/. Ammen.

**Għeluq**
*Il-ġenitur jagħlaq ir-rit billi jgħid:*
Il-Mulej Alla jberikna u jħarisna fl-imħabba tiegħu.
R/. Ammen.